MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Numru. 947/2002

**Il-Pulizija**
**Spt David Saliba**
**vs**
**Massimo Galea ta' 22 sena bin Emanuel u Maria xebba Mazzitelli, mwieled Pieta', fis-26.2.80 u li joqhgod Blk G2, Flat 1, Housing Estate, Mosta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 134680M**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Massimo Galea li gie akkuzat talli f'Malta tul dawn l-ahhar xhur b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda

Talli fl-Imsida, u cioe mill-Kampus ta' l-Universita' ta' Malta nhar it-12 ta' Novembru, 2002 matul il-gurnata, ikkommetta serq ta' laptop computer tal-ghamla 'Acer' kif ukoll stereo tal-ghamla 'Clarion' li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm 100 izda anqas minn Lm 1000 minn gewwa karozza tal-ghamla Daihatsu Charade, bin-numru tar-registrazzjoni ABI 507, ghad-dannu ta' Matthew Sant liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, u xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-Imsida, u cioe mill-kampus ta' l-Universita' ta' Malta nhar is-7 ta' Novembru, 2002 matul il-gurnata ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Pioneer li l-valur teighu jeccedi s-somma ta' Lm 50 minn gewwa karozza tal-ghamla Opel Corsa bin-numru tar-registrazzjoni CBH-423 ghad-dannu ta' John Cefai liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u xorta tal-haga misruqa.

Talli fl-Imsida, u cioe mill-kampus ta' l-Universita' ta' Malta nhar is-6 ta' Novembru, 2002 matul il-gurnata ikkommetta serq ta' stereo tal-ghamla Clarion li l-valur tieghu jeccedi s-somma ta' Lm 50 minn gewwa karozza tal-ghamla mhux maghrufa bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa liema serq uwa kkwalifikat bil-mezz, u xorta tal-haga misurqa.

Talli fl-Imisda u cioe mill-Kampus ta' l-Universita' ta' Malta f'dan l-ahhar xhur u qabel it-12 ta' Novembru, 2002 matul il-gurnata ikkommetta serq ta' zewg stereos tal-ghamla mhux maghrufa minn gewwa zewg karozzi differenti tal-ghamla Fiat Punto bin-numru mhux maghruf u danni ta' nies mhux maghrufa liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, u xorta tal-haga misruqa.

Fl-ahhar nett akkuzat talli fl-istess dati, f'hinijiet differenti fl-Imsida kkaguna hsara volontarja jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fl-imsemmija karozzi liema hsara tiswa aktar minn Lm 50 izda anqas minn Lm 500 ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom.

Rat li fl-interrogatorju l-imputat irregistra ammissjoni u baqa jzomm ferma l-istess ammissjoni nonostante li l-Qorti nsistiet mieghu li ghandu cans jerga' jahsibha.

Rat ukoll li l-imputat qed jiddikjra li ser jibda' jsegwi programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga fi hdan l-Agenzija Sedqa.

In vista ta' l-ammissjoni qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-artiklu 261, 263, 264, 267, 271, 279, 280, 278 u 281 tal-Kap 9 kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kap 9, kif ukoll l-Artiklu 325 tal-Kap 9. Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat minn fejn jirrizulta li hu diga gie moghti Section 9 u li ma tantx jidher li gharaf jibbenefika minnha stess, pero' din is-Section 9 ghadda z-zmien taghha ghax nghatat fl-1998 u kellha perjodu ta' sena. Ghaldaqstant, il-Qorti wara li ssibu hati ta' l-istess akkuzi qeghda tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn li ma ghandhiex tibda ssehh fi zmien 4 snin mill-llum, b'dan illi qeghda tqeghdu taht ordni ta' supervisjoni fejn ser ikollu bhala social worker lil Josette Camilleri.
Ghandu jkompli l-programm li diga beda llum ma l-Agenzija. Ghandu jaghmel iz-zmien residenzjali kollu u l-hames xhur ta' wara, ghandu jsirulu urine tests darba fil-gimgha taghhom il-Qorti trid rapport bil-miktub u l-istess rapport ghandu jigi nnotifikat ukoll lill-akkuzat. Ghandu jobdi d-direttivi kollha li taghtih is-social worker b'dan illi jekk tinkiser xi direttiva, is-social worker ghandha tirraporta mmedjatament lill-Qorti.

L-Atti qeghdin jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

-------------------------------TMIEM-------------------------------